## Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

Il-Pulizija
(Spt.Antonello Grech)

Vs

Marlene Zammit.

Seduta tal-lum 1 ta' Gunju 2001.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Marlene Zammit ta' 25 sena, mart Louis, karta tal-identita' numru 198888 (M) kif riportata a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

> "… talli f'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Mejju 1996, fl-iskola Ninu Cremona, Victoria, Ghawdex, ghal habta tas-1.00pm, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja f'periklu car, ikkagunajt feriti gravi fuq il-persuna ta' Christian Micallef minn Fontana.
>
> " … ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghad illi kellha jedd li twiddeb lil haddiehor, harget barra mill-qies."

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-31 ta' Awissu, 1998 skond l-artikolu 370(3) tal-kap 9 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tkun gudikat minn din il-Qorti taht dak li hemm mahsub fl-artikoli 214 sa 218, 339 (1) (h), 17 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat illi l-imputata iddikjarat illi ma ghandhiex oggezzjoni li l-kawza taghha tkun trattata u deciza bl-istess procedura;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza kienet istitwita mill-pulizija kontra l-imputata wara li irrizulta li tifel ta' 12-il sena korra gravi f'idejh meta allegatament l-ghalliema tieghu imbuttatu biex johrog barra mill-klassi u dan spicca b'idu fil-hgiega tal-bieb.

Christian Micallef jghid illi dak in-nhar tal-incident hu kien ha sehem f'loghba futbol li kienet il-final tal-iskola u tilfu. Wara li dahlu fil-klassi kullhadd kien imdejjaq u fil-hin waslet it-teacher tal-Matematika, l-imputata u talbet lit-tfal ibiddlu hwjeggihom u taghthom ghaxar minuti biex jaghmlu dan. "U jiena bdejt bil-mod, ninza l-papocc, kelli l-gear inzajtu minn fuqi. U imbaghad giet fejni u kien hemm wiehed fejni, kien b'zaqqu barra, bix-shorts,…hekk" . Qaltlu "biddel", qalilha, "u hawn, iva,, u issa nbiddel". Imbaghad giet fejni, qaltli "inti ghadek ma biddiltx? U jien ma tkellimtx, ghax kont bla sahha, u hekk, kont imdejjaq. Imbaghad qabditni minn hawn hekk [minn sidri] tellghetni minn fuq is-siggu" …. "u qaltli ohrog 'l barra". U qajmitni minn fuq is-siggu. Imbaghad, kelli l-uniformi fuq il-mejda jien biex inbiddel" u qaltli mur biddel got-toilet u tefghetli l-qalziet … ma wicci… U jiena x'hin waqa, mort nigbru imbaghad ha mmur ghal-bieb … miexi fil-mod, ghajjien u hekk, imbaghad qaltli "imxi, mur," imbuttatni minn wara… Imbaghad, x'hin kont ha nitlef il-bilanc, sibt il-bieb quddiemi, u minflok ma ha mmur b'rasi, zammejt b'idi". (fol 30 sa 39 sunt.)

L-imputata fid-deposizzjoni taghha qalet hekk:

“Dakinhar fis-1.00pm kont sejra ghall-lezzjoni tal-Maths bhas-solut fil-klassi tat-2E. malli dhalt rajt nofs il-klassi kienu bil-P.E. kit u staqsejthom il-ghaliex kienu bil-P.E. kit u qaluli li kienu ghadhom kif laghbu loghba futbol. Peress illi jiena ma nistax inhalli tfal fil-klassi bil-P.R. kit ghidtilhom li kont ser nohrog fil-kuridur biex huma jkunu jistghu jbiddlu. Wara xi ghaxar minuti ergajt dhalt u sibt li erbgha minnhom kienu ghadhom ma biddlux fosthom kien hemm Christian Micallef. Wissejthom biex ibiddlu u jiena bqajt tiela n-naha ta’ fuq tal-klassi fejn hemm il-blackboard biex inkun nista’ nibda l-lezzjoni. Wara li ghidt it-talba rajt li dawn kienu ghadhom ma biddlux ghalhekk ergajt wissejthom biex ibiddlu u tlieta minnhom bdew jilbsu l-qmis, pero’ Christian Micallef ma tax kasi allura ergajt ghidtlu u hu rega ma tax kasi. Imbaghad inzilt fejnu u ghidtlu “Jekk m’intix ha tbiddel ha titkecca mill-klassi u qabel ma tilbes il-hwejjeg ma tergax tidhol”. Hu rega’ ma tax kasi u ghalhekk mort in-naha ta’ wara, warajh igifieri, missejtu minn spalltu biex ikun jista’ jqum minn postu halli johrog ‘il barra mill-klassi. Christian dakinhar kien fih tifel. Kien twil erba’ piedi u nofs u ma kienx sifja u kellu madwar tlettax-il sena. Huwa hareg minn postu minn naha tax-xellug peress illi jiena kont in-naha tal-lemin, dar mas-siggu u gie faccata tal-bieb. Issa bejn il-bieb u d-desk ta’ Christian Micallef kien hemm tul ta’ hames metri.

“Jiena sadanittant tbaxxejt biex ingiblu l-hwejjeg minn fuq is-satchel u dort biex natihomlu. Sibtu li kien zewg passi ‘il boghod minni, imxejt dawk iz-zewg passi u tahtu l-hwejjeg. Hu ma laqahomx il-hwejjeg allura tbaxxa u gabarhom imma baqa’ fil-post fejn kien, igifieri ma bediex sejjer lejn il-bieb biex johrog. Allura imbuttajtu hafif b’idi l-leminijia minn spalltu, bix-xelluggija u hu beda hiereg ‘il barra jizzuffjetta u jippurcinella mbaghad x’hin kien wasal kwazi hdejn il-bieb tfixkel f’saqajh bir-rizultat li tilef il-bilanc u baqa’ diehel gol-bieb u idu l-leminija dahlet gol-hgiega li kien hemm fil-bieb. Huwa ma setax jaqlaghha idu allura ta skoss ‘il barra fir-rizultat li tefa’ l-hgieg kollu n-naha ta’ gewwa tal-klassi u baqa’ jcarrat idu ghax ta skoss kbir. Imbagha dar dawra fuqu nnifsu, fetah il-bieb u hareg ‘il barra fil-kuridur. Dak il-hin kien ghaddej Toni Sacco il-messaggier li fil-pront nezzaghlu t-T shirt li kellu fuqu u rabatulu ma’ idu imbaghad baqa’ sejjer bih, ma nafx fejn hadu mbaghad, aktarx l-isptar.

**Il-feriti subiti**:

Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni jikkonfermaw illi Christian Micallef sofra ferita ta' natura gravi. Kawza tal-incident Micallef sofra qtugh tan-nerv u arterja ulnari u ghalhekk kien mehtieg tiswija ta' dawn. Idu tqieghedet ukoll fil-gibs sakemm fiequ il-feriti. Bhala konsegwenza huwa ghandu ftit nuqqas ta' sensazzjoni f'sebghu iz-zghir u nofs is-seba ta' hdejh u l-muskoli z-zaghar ta' idejh jiffunzjonaw bejn sittin u sebghin fil-mija. Hemm il-possibilta' ta' fejqan totali izda sa meta insetmet din ix-xhieda ma mkien hemm hadd li xehed li Christian Micallef fieq ghal-kollox.

Fis-26 ta' Frar, 1998 xehed il-Physioterapista ta' Christian Micallef li qal li sebghu iz-zghir u nofs dak ta' hdejh kienu paralizzati izda wara il-kura huwa irkupra izda xorta ghadu jhoss certu "numbness" fis-sebgha z-zghir u fir-ring finger. "Functionally, subghajh ihaddimhom pero bhala muscle power ma giex hundred per cent (100%) il-muscle power ta' jdejh u oxrta wahda ghad fadallu dik id-daqsxejn minimal cloin deformity ta' subghajh".

L-espert nominat mill-Qorti il-Kirurgu Charles Grixti xehed illi Christian Micallef sofra ticrita principali u ohrajn zaghar fin-naha tad-driegh t'isfel u l-polz tal-lemin liema ticrita kienet tinvolvi n-nerv principali ta' dik in-naha tal-polz, jigiefieri l-ulnar nerve u l-arterja tieghu, igiefieri l-ulnar arthery. Il-vittma ghandu dizabilita' permanenti ta' tlieta fil-mija (3%). Dan sofra dizabilita' fl-id il-leminija meta huwa xellugi. Peress illi ghaddew aktar min sena sena u nofs mill-incident il-muscle spindels imutu jekk ma jkunux irkupraw l-istimolu min-nerv u ghalhekk ma hemmx cans ta' titjib.

**Apprezzament tal-fatti**:

Ikkunsidrat:

Illi l-verzjonjiet taz-zewg xhieda principali jistghu ikunu apprezzati fl-isfond ta' dawk ix-xhieda l-ohra prodotti f'din il-kawza. Il-prosekuzzjoni, ressqet fost ix-xhieda taghha, l-ex kollegi tal-klassi ta' Christian Micallef. Dennis Abela kellu dan xi jghid dwar l-incident: "kont hemm hekk fejn il-bieb, u rajtha timbuttah" (fol 108). Dan kien l-ewwel diskors ta' dan ix-xhud. Aktar tard qal li ma jiftakarx kif imbuttatu u

b'liema sahha u li shabu barra l-awla kienu pruvaw ifakkruh dwar kif gara l-incident. Bl-istess mod xehed Steve Cassar li meta mistoqsi jiddiskrivi l-incident qal hekk: Konna qieghdin gol-klassi, u mbuttatu..” (Fol 145). Steve Attard segwa bl-istess mod: “Spettur: Fit-22 ta' Mejju, tan-ninety six, tiftakar li gara xi haga fil-klassi taghkom? Xhud: Iva, kien hemm tifel, qabditu u mbuttatu gol-bieb” (fol 148). Michael Vella, George Fenech. Frank Cutajar u Christopher Scott segwew fil-passi tax-xhieda precedenti.

Student iehor, Charles Cini xehed illi huwa kien vicin il-bieb fejn wegga Christian Micallef u jiftakar illi kien qed idahhal il-P.E. kit gol-basket u ra lil Christian ghaddej minn quddiemu u jew tfixkel fil-hwejjeg u habat mal-bieb. Dan ix-xhud ma qal li ma rax lill-imputata timbotta lill-Micallef izda qal li ma jistax jghid jekk ghaliex dak il-hin kien qed idahhal l-affarijiet. Giovanni Saliba xehed illi Micallef irrifjuta li jmur ibiddel u u l-imputata qaltlu “Mur biddel u fil fatt ma rienx ibiddel u ghamlitlu wahda hekk b'idha l-leminijia, mbuttatu naqra, mhux li tghid l-imbuttatura kienet li tasal minn hawnhekk sa fejn il-bieb u hu baqa' hiereg, baqa diehel gol-hgiega.' Dan ix-xhud tefa xi ftit aktar dawl fuq il-kaz meta qal li Micallef ghamel xi ftit passi qabel dahal fil-bieb u dahal “aktar bit-telqa tieghu” (fol 260).

Mid-deposizzjonijiet kollha, komprizi dik tal-imputata, ma hemmx dubbju illi l-istess imputata kellha kuntatt fiziku ma' l-istudent Christian Micallef. Dak li hu kontestat huwa jekk din imbuttatux b'tali mod illi dan baqa diehel fil-hgiega tal-bieb jew semplicement heggitu biex jiccaqqlaq. Jirrizulta ukoll mix-xhieda illi Christian Micallef minkejja li kien ghad ghadnu tnax-il sena fiz-zmien tal-incident ma kienx tifel ta' statura zghira u ix-xhieda b'xi mod jew iehor accennew ghal-fatt li biex timbuttah ma trid semplicement tmissu u daqstant iehor irrizulta illi Micallef dak il-hin wera inadempjenza assoluta billi ma riedx jobdi l-ordnijiet tal-ghalliem tieghu.

Din il-Qorti, wara li qieset bir-reqqa il-fatti kollha, ma taqbilx ma' dik il-parti tat-tezi tad-difiza fejn argumentat dwar il-mens rea tal-imputata fil-hin tal-incident u cioe illi hi ma setghetx tipprevjeni dak li kien ser jigri bl-agir taghha ghaliex l-forza uzata kienet wahda minima. Dan ghaliex il-Qorti ma tasalx li temmen li l-imputata uzat xi forza tali li sethget wasslet ghal-korriment ta' Christian Micallef. Din il-Qorti mhix qieghda b'xi mod tiggustifika l-agir ta' persuna li terfa idejha biex tikkoregi jew

twiddeb persuna taht il-kura taghha, izda qieghdha biss tpoggi tara sitwazzjoni fejn student ma jrid bl-ebda mod jaghti kaz ta' dak li qed tordnalu l-ghalliema tieghu u din tissolecitah johrog mill-klassi billi tmissu minn spallejh jew darhu fid-direzzjoni tal-bieb. Kif qal ix-xhud Giovanni Saliba, il-kollega tieghu dahal fil-bieb "aktar bit-telqa tieghu". Dawn l-istudenti kienu ilhom ma' din l-ghalliema ghal kwazi sena skolastika . Din il-Qorti ma nghatatx x'tifhem illi l-imputata ghandha xi precedenti li terfa' idejha, mhux biss fil-karriera taghha izda anqas f'din il-klassi partikolari u ghalhekk ma tara l-ebda raguni ghaliex ma ghandhiex temmen il-verzjoni tal-imputata bhala dik korretta.

Mill-assjen tal-provi din il-Qorti ma tistax temmen il-verzjoni ta' Christian Micallef. Il-mod kif terzi iddeskrivew l-incident u dak li gara immedjatament wara huma in sostenn ta' dan. Micallef, student ta' tnax-il sena spicca b'idu fil-hgiega tal-bieb, ma setghax jaqlaghha u gibidha lura qisu mhu xejn, fetah il-bieb u telaq 'l barra.

Il-Qorti hi konvinta li l-imputata ma ghamlet xejn li seta' kien kawza tal-feriti subiti mill-kwerelant.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputata hatja u tilliberaha mill-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur